



Kura tat-tfal ta' età skolastika fl-UE

fuljett ta' tagħrif



X'INHU l-kuntest?

Il-kura tat-tfal qed tikseb profil dejjem aktar għoli fil-politika soċjali Ewropea. It-titjib fl-għoti tal-kura tat-tfal huwa mezz ewlieni ta' inkoraġġiment u ffaċilitar tad-dħul tan-nisa fis-suq tax-xogħol; dan biex jintlaħqu l-miri ta' Liżbona fir-rigward ta' l-impjegi, li sa l-2010 jeħtieġ li tinkiseb rata ta' impjegi ta' 60% għan-nisa. L-għoti tal-kura tat-tfal ta' kwalità għolja hija wkoll mezz ta' appoġġ għall-familji, tiffaċilita bilanċ aħjar bejn il-ħajja u x-xogħol u - l-iktar importanti - tiżgura l-benesseri tat-tfal infushom, peress li qed jiġi dejjem aktar rikonoxxut li l-faqar u l-esklużjoni soċjali għadhom jaffettwaw lil ħafna tfal fl-Ewropa.

GĦALIEX din ir-riċerka?

Il-kwistjoni tal-kura tat-tfal ġiet studjata b'mod estensiv matul dawn l-aħħar snin. Madankollu, il-qasam tal-kura barra mill-iskola għal tfal ta' età skolastika (bejn l-età ta' ħames snin u tnaħ-il sena) ma jiġbidx l-istess attenzjoni. Din il-forma ta' kura tat-tfal tinkludi kull arranġament barra s-siġhat obligatorji ta' l-iskola. Din tinvolvi elementi ta' assistenza fiżika, soċjalizzazzjoni, logħob u/jew edukazzjoni. Il-Fondazzjoni wettqet riċerka bir-reqqa fil-kura tat-tfal barra mill-iskola, b'attenzjoni partikolari fuq l-iżvilupp fl-impjegi u fil-prassi t-tajba fis-settur tal-kura tat-tfal. Ir-riċerka tagħha esplorat żewġ aspetti ewlenin ta' din il-kwistjoni: l-inizjattivi għal impjegi li jappoġġaw l-iżvilupp ta' forza tax-xogħol kwalifikata fil-kura tat-tfal, u l-aċċessabbiltà u s-sostenibbiltà tal-provvista tas-servizzi tal-kura ta' tfal li jgħixu f'żoni żvantaġġati (żoni b'densità għolja ta' familji li qed iġarrbu l-faqar u l-privazzjoni).

Is-servizzi fl-istudju jinkludu *daycare centres* (ċentri għall-ħarsien matul il-jum), faċilitajiet ta' qabel u ta' wara l-iskola f'ambjenti privati, pubbliċi u terzi, u servizzi regolati u volontarji oħrajn. Flimkien ma' rassenja tad-dokumentazzjoni dwar is-sitwazzjoni ta' l-UE, l-ewwel fażi tar-riċerka analizzat il-potenzjal ta' ħolqien ta' impjegi fil-kura tat-tfal fl-Awstrija, f'Ċipru, fl-Ungerija, fil-Polonja, fl-Iżvezja u fir-Renju Unit. It-tieni fażi, dwar l-għoti ta' kura għat-tfal f'żoni żvantaġġati, analizzat is-sitwazzjonijiet nazzjonali fil-Belġju, fir-Repubblika Ċeka, fl-Estonja, fil-Ġermanja, fil-Portugall u, għal darba oħra, fir-Renju Unit.

X'INHUMA s-sejbiet?

Impjegi, taħriġ u servizzi

- B'mod ġenerali; is-settur tal-kura tat-tfal qed jikber fl-Ewropa kollha. Madankollu, il-kundizzjonijiet tax-xogħol studjati fl-Istati Membri kollha jvarjaw f'termini ta' prassi tax-xogħol, ħinijiet tal-ftuħ u promozzjoni.
- Fl-Istati Membri fejn l-għalliema jipprovdu l-biċċa l-kbira tal-kura barra mill-iskola, il-paga u l-immagna tal-ħaddiema fil-kura tat-tfal għandhom it-tendenza li jkunu ogħla.
- Fl-UE kollha, hemm disponibbli varjetà ta' skemi għal taħriġ u kwalifiki, b'għalliema kwalifikati jipprovdu l-kura f'xi Stati Membri, u f'oħrajn issib persunal inqas kwalifikat u li ma jgħallimx li jipprovdi din il-kura.
- Is-servizzi għal-kura tat-tfal għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet tat-tfal u jipprovdu varjetà ta' attivitajiet adatti skond l-età, li jkunu stimulanti u interessanti. Huwa wkoll essenzjali li l-kura tissodisfa l-ħtiġijiet tal-familji billi toffri siġhat flessibbli u servizzi bi prezzijiet raġonevoli.

Kura f'żoni żvantaġġati

- F'żoni żvantaġġati, spiss issib li hemm nuqqas ta' faċilitajiet u servizzi disponibbli għat-tfal, jew inkella li dawn mhumiex adegwati.
- Il-karatteristiċi ewlenin tal-kura għat-tfal barra mill-iskola f'żoni żvantaġġati huma appoġġati mis-settur pubbliku, involviment tal-komunità u servizzi konġunti.
- Is-servizzi ta' kura għat-tfal barra mill-iskola joperaw b'aktar suċċess u għandhom impatt akbar jekk il-komunità lokali tkun involuta fl-iżvilupp u l-ġestjoni tagħhom.
- Il-familji li jgħixu f'żoni żvantaġġati spiss ikollhom għadd ta' problemi li jiġu indirizzati l-aħjar b'mod olistiku b'kura li taħdem fi sħubija ma' servizzi oħrajn, bħas-servizzi soċjali, l-edukazzjoni u s-saħħa.



- F'xi żoni, il-kura tat-tfal barra mill-iskola tintuża biex jiġu indirizzati l-problemi partikolari li jħabbtu wiċċhom magħhom il-familja mill-minoranzi etniċi, li tista' tgħin biex ittejjeb l-attenzenza u r-riżultati tat-tfal fl-iskola, tipprovdi appoġġ lingwistiku u tippromwovi l-integrazzjoni soċjali.
- Il-kura barra mill-iskola tingħata wkoll lil tfal b'diżabilitajiet fiżiċi, b'diffikultajiet fit-tagħlim jew tfal li jgħixu f'familja bi problemi bħall-vjolenza domestika jew l-abbuż mid-drogi u l-alkoħol.

Inklużjoni soċjali u opportunitajiet indaqs

- Is-servizzi tal-kura tat-tfal għandhom jippromwovu l-integrazzjoni effikaċi tal-ħajja tax-xogħol u tal-familja.
- Iż-żieda fl-impjegji fis-settur tal-kura tat-tfal tista' tgħin fl-għoti ta' opportunitajiet indaqs lit-tfal kollha u fl-istess ħin tista' tagħti spinta lill-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol.
- Il-kwistjonijiet ta' l-ugwaljanza jistgħu jiġu riflessi kemm f'termini ta' impjegji fis-settur, kif ukoll fl-għoti tas-servizzi.
- Is-settur tal-kura tat-tfal għandu jappoġġa forza tax-xogħol diversa li tirrifletti d-diversità tat-tfal fil-kura tagħha.
- Hemm żbilanċ bejn is-sessi fil-forza tax-xogħol li jeħtieġ li jiġi trattat: pereżempju billi jinħolqu inċentivi biex jiġu rekrutati aktar irġiel biex jaħdmu fis-settur, u li jiġu identifikati mudelli ta' rwol eżemplari li jħaddnu l-valur tal-kura tat-tfal bħala għażla ta' karriera.

Perspettivi ta' l-imsieħba soċjali

It-trade unions huma favur li l-għoti tal-kura tat-tfal barra mill-iskola jittejjeb għal numru ta' raġunijiet. Il-kura tat-tfal barra mill-iskola titqies li twassal għall-vantaġġi li ġejjin: il-ħaddiema jibbenefikaw minnha, tagħti spinta lill-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, ittejjeb l-opportunitajiet għall-iżvilupp fil-karriera, tnaqqas l-istress imġarrab mill-ħaddiema li għandhom it-tfal, tipprovdi riżultati pożittivi għas-saħħa kemm tat-tfal kif ukoll tal-ġenituri u tipprovdi l-impjegji, speċjalment f'komunitajiet żvantaġġati. It-trade unions huma wkoll interessati li jitjebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-opportunitajiet ta' karriera tal-personal fil-qasam tal-kura.

Bl-istess mod, min iħaddem jixtieq jara servizz imtejjeb. Biex jikkompetu b'mod effikaċi, il-kumpaniji jeħtieġu forza tax-xogħol responsabbli, produttiva u ta' kwalità tajba. Il-kura tat-tfal barra mill-iskola tista' tiffaċilita dan billi tkabbar il-grupp ta' ħaddiema minn fejn min iħaddem ikun jista' jagħżel lil min iħaddem. Meta

l-ħaddiema jkollhom aċċess għal kura affidabbli barra mill-iskola, aktarx li aktar jibqgħu ma' min jimpegghom – kunsiderazzjoni kbira ħafna meta jitqiesu l-ispejjeż għar-reklutaġġ u t-taħriġ ta' impjegat. Barra minn hekk, żieda fl-impjegji f'żoni żvantaġġati jirriżultaw fi dħul finanzjarju oġġa għall-familja: min-naħa tagħhom l-impriżi ser jibbenefikaw minn ċirkolazzjoni akbar tal-flus fl-ekonomija lokali.

Il-gvernijiet jibbenefikaw mill-iżgurar ta' l-għoti ta' kura bi prezz raġonevoli, aċċessibbli u ta' kwalità tajba – kemm fuq livell ġenerali kif ukoll b'mod partikolari f'żoni żvantaġġati. L-għoti ta' kura bħal din jista' jgħin lill-gvernijiet jilħqu l-miri strateġiċi tagħhom ta' tnaqqis tal-faqar, kiswa ta' edukazzjoni aħjar, żvilupp ekonomiku, inklużjoni soċjali, sikurezza tal-komunità, saħħa aħjar u bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol. Jista' wkoll jgħin jindirizzaw l-isfidi fit-tul tal-bidla demografika u l-kompetizzjoni globali.

X'JIĠRI issa?

Fl-Ewropa kollha, in-nuqqas ta' disponibbiltà, il-prezzijiet għoljin, l-inaċċessibbiltà, il-kwalità fqira tas-servizzi u l-inadegwatezza ta' l-għoti jikkaratterizzaw ħafna minn dak li għandha x'toffri l-kura tat-tfal. Għalhekk, sfida ewlenija għall-politika hija li fl-Ewropa kollha tiġi appoġġata l-kura tat-tfal li tiffavorixxi lit-tfal kollha bl-istess mod.

L-inizjattivi li jagħtu spinta lill-kwalità u lid-disponibbiltà tal-kura jintlaqgħu bil-ħerqa u għandhom jiġu appoġġati biex ikun żgurat li l-kura barra mill-iskola tkun esperjenza rikka li tappoġġa l-iżvilupp personali, emozzjonali u konjittiv tat-tfal. Spinta lill-kwalità tal-kura, min-naħa tagħha, isserraħ ras il-ġenituri li xi ħadd qed jieħu ħsieb sewwa ta' uliedhom waqt li huma jkun x-xogħol, b'hekk tiżied il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u tissaħħaħ l-ekonomija.

L-iżvilupp ta' politika dwar il-kura tat-tfal għandu jkun segwit bħala politika appartat; l-aġenda ta' politika dwar il-protezzjoni soċjali hija għodda ewlenija biex jiġi żgurat li tali żvilupp tal-politika jitwettagħ b'mod li jiffoka fuq it-tfal.

Aktar informazzjoni

Teresa Renehan, Uffiċjal għall-Koordinament ta' l-Infommazzjoni:
ter@eurofound.europa.eu

Rapporti prinċipali

Żviluppi ta' impjegji fis-servizzi tal-kura tat-tfal għal tfal ta' età skolastika

<http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef0632.htm>

Servizzi ta' kura barra mill-iskola għal tfal li jgħixu f'żoni żvantaġġati
<http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef0752.htm>

Rapporti nazzjonali

Dawn huma disponibbli minn

<http://www.eurofound.europa.eu/areas/labourmarket/childcare.htm>

Riċerka oħra tal-Fondazzjoni

Infommazzjoni dwar proġett ieħor ta' riċerka dwar il-futur tas-settur tal-kura tat-tfal hija disponibbli minn

<http://www.eurofound.europa.eu/emcc>

L-aspett tar-relazzjonijiet industrijali tal-kura tat-tfal huwa indirizzat fi *Rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja tax-xogħol u l-familja u negozjar kollettiv fl-Unjoni Ewropea: Analiżi ta' l-Artikoli EIRO*

<http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef0606.htm>



Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol
Wyattville Road, Loughlinstown, Dublin 18, L-Irlanda
Telefon: (+353 1) 204 31 00
Posta elettronika: postmaster@eurofound.europa.eu
Sit ta' l-internet: <http://www.eurofound.europa.eu>